**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Frar 2017**

Citazzjoni Nru. 350 / 04RGM

Kawza fil-lista: 12

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li permezz taghha ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Premess illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fid-9 ta' Lulju 1994, minn liema zwieg twieldu zewgt itfal. Shannon ta' tmin snin (8) u Sherona ta' sena (1); u

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi, swat, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment; u

Premess illi l-attrici ottjeniet d-debita awrtorizazzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-16 ta' Marzu 2004 sabiex tkun tista' tipprocedi b'din l-istess istanza; u

Premess illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Jamie f'idejn l-attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizioni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi filwaqt li l-eccipjenti jaqbel li z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment, dana huwa dovut esklussivament ghal htijiet imputabbli lill-attrici martu, li rrendiet ruhha hatia ta' adulterju, eccessi, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi fil-konfront tal-eccipjenti.

2. Illi l-kura u l-kustodja ta' uliedu minuri Shannon u Sharona m'ghandhiex tigi fdata f'idejn martu l-attrici, stante illi l-attrici m'ghandhiex l-interess ta' uliedha bhal prijorita'.

3. Illi t-talba ghal hlas ta' manteniment ghall-attrici ghandha tigi michuda stante li l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment.

4. Illi ma jezistu l-ebda cirkustanzi li jiggustifikaw ir-raba' talba attrici, u li semmai dawna s-sanzjonijiet ghandhom jigu applikati fil-konfront taghha.

5. Illi l-eccipjenti jaqbel li ghandha ssehh id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.

6. Illi l-eccipjenti m'ghandux beni parafernali u dotali tal-attrici fil-pussess tieghu. Ghaldaqstant l-attrici ghandha tindika liema oggetti huma beni dotali u parafernali taghha u ggib il-prova ta' dan'.

7. Illi l-konvenut wettaq diversi benefikati fuq id-dar matrimonjali tal-kontendenti, liema dar hija parafernali tal-attrici u tinsab diga' fil-pussess taghha.

8. Illi l-eccipjenti jaqbel illi s-sentenza eventwalment moghtiia minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tigi registrata fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

Peress illi jezistu r-rekwiziti kontemplati mill-artikoli 396 et. seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili sabiex issir rikonvenzjoni mill-konvenut C B, u peress li l-istess konvenut jixtieq jinqeda b'dina l-procedura sabiex jipproponi l-kontrotalba tieghu.

Peress illi l-kontendenti zzewgu fid-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994), u minn dana z-zwieg twieldu zewgt itfal li jisimhom Shannon u Sherona.

Peress illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba feccessi, sevizzi, ingurji gravi. mohqrija u adulterju da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut;

Peress illi l-kontendenti issa ilhom xhur jghixu separati defacto minn ma' xulxin;

Peress illi pendente lite, il-kura u l-kustodja tal-istess minuri tinsab fdata f'idejn il-konvenut u dana permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat l-ewwel ta' Novembru 2005.

Peress illi l-konvenut rikonvenzjonant ghandu l-interess tal-minuri bhala l-ewwel prijorita', jrabbihom u jikkurahom bir-reqqa u jaghmel minn kollox sabiex jedukahom u ma jhallihom nieqsa minn xejn;

Peress illi l-konvenut rikonvenzjonant wettaq diversi benefikati fid-dar matrimonjali, liema dar hija propjeta' parafernali tal-affrici, u li diga tinsab fil-pussess esklussiv taghha. Illi l-attrici ser tibqa' tgawdi dawn il-benefikati ad eskluzjoni ta' zewgha u ghaldaqstant hemm bzonn li dawn il-benefikati jigi likwidati u komputati fid-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Tghid ghalhekk l-attrici ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba f'eccessi, sevizzi, mohqrija u adulterju da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Shannon u Sherona lill-konvenut;

3. Tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut retta alimentarja ghall-minuri Shannon u Sherona, f' dak l-ammont li jidhrilha xieraq din il-Qorti;

4. Tillikwida l-benefikati li wettaq il-konvenut rikonvenzjonant fid-dar matrimonjali, liema ammont ghandu jigi inkluz fid-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

5. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-attrici fl-eventwalita' li dina tkun kontumaci fuq l-att ta' divizjoni relattiv.

Bl-ispejjez kontra A B li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tal-attrici li taqra kif gej:

1. Illi l-esponenti taqbel b z-zwieg ta' bejnha u zewgha spicca izda dana minhabba adulteru u swat u mohqriia tal-konvenut C B fuq l-esponenti.

2. Illi l-kura u kustodja tal-minud ghandha trgi fdata b'mod esklussiv lill-eccipienti u dana peress illi l-ambjent familjari li joffri l-konvenut huwa wiehed ta' ezempju hazin fuq il-minuri.

3.	Illi t-talba ghal manteniment mitluba mill-konvenut ghandha tigr michuda u se mai huwa l-konvenut C B li ghandu ihallas lill-eccipjenti manteniment ghaliha u ghaz-zewgt itfal tieghu.

4.	Il-komunjoni tal-akkwsiti ghandha tigi xolta, b'dana illi sehem il-mara ghandu jkun izjed minn dak li ghandu jigi allokat lill-konvenut u dana peress li z-zwieg spicca u tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

5.	Illi fl-eventwalita li l-konvenut ma jersaqx ghal att ta' divizioni relattiva, il-Qorti ghandha tinnomina kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu innominat bhala perit legali lil Dr Ramona Frendo li min-naha taghha hallfet ir-rapport peritali taghha fl-10 ta' Novembru 2015 wara li semghat il-provi f'din il-kawza.

Rat in-nota tal-konvenut bid-domandi in eskussjoni tal-Perit Legali u t-twegibiet tal-istess waqt l-udjenza tal-5 ta' April 2016.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat u ezaminat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz, inkluz dawk migbura quddiem il-Perit Legali.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**:

**Provi**

Fir-rapport taghha l-abbli Perit Legali ghamlet rassenja dettaljata tax-xhieda kollha imressqa mill-partijiet intestata "PROVI".[1] A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel taghha ir-rassenja maghmula fir-rapport peritali li tinsab minn fol. 1504 sa fol. 1557 tal-process, li ghalhekk qeghdha tifforma parti integrali mill-odjern gudizzju.

**Htija tal-Firda**

1	Pg 11 tar-rapport a fol 1504

Il-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Lulju 1994, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal Shannon u Sherona.

L-attrici tattribwixxi l-htija tat-tkissir taz-zwieg taghhom unikament lill-konvenut, minhabba adulterju, eccessi, swat, mohqrija u ingurji gravi kommessi minnu fil-konfront taghha. Da parti tieghu il-konvenut isostni li kienet l-attrici li wasslet ghat-tkissir taz-zwieg taghhom minhabba adulterju, eccessi, sevizzi u mohqrija.

B'zieda mal-gurisprudenza gja kkwotata mill-Perit Legali fir-rapport taghha, dwar sevizzi, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Gunju 1961, ntqal li:

*“Certi fatti, kliem u modi ta’ azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi”.*

Dwar ingurji gravi jinghad illi *“l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta’ l-Imhallef sabiex jivvalutahom”* (**Marthese Vella pro et noe vs. George Vella** – PA deciza 28 ta’ Frar 2003).

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta’ Dicembru 1951 fejn gie dikjarat illi:-

*“Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta’ separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi.*

*Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f’dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti.”*

Inghad ukoll fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili [PS] **Sylvana Stringer vs Jeremy Stringer** deciza fit-28 ta' Frar 2003:

*“Issa kif inhu pacifiku "perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" - "Elisa Thompson -vs- Edward Thompson", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925.”*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joanne mart Jesmond Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili [PS] fit-3 ta' Ottubru 2003, inghad li:

*"... l-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb minnha" ("Genoveffa Magri –vs Joseph Magri", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);*

In tema ta' adulterju, fil-kawza fl-ismijiet **Rosina Micallef vs Angelo Micallef** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964, intqal:

*"L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche dawn jkun gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika."*

Fil-gurisprudenza nostrana l-adulterju huwa meqjus bhala wiehed mill-aktar raguni gravi ghat-tkissir taz-zwieg ghaliex proprju jkisser wiehed mill-pilastri ta' zwieg b'sahhtu, ossia l-fedelta`. Huwa rikonoxxut ukoll illi min-natura tieghu l-adulterju mhux dejjem facli tippruvah.

Fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Edwards vs Dottor Jos. H. Xuereb noe** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 ntqal:

*"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-giudikant ghall-konvinciment tal-fatt".*

B'applikazzjoni tal-principji su-citati, l-Qorti taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

***Eccessi, Mohqrija u Sevizzi***

Wara li qieset l-atti processwali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz in ezami iz-zewg partijiet irrendew ruhhom hatja ta' sevizzi fil-konfront ta' xulxin. Mix-xhieda tal-attrici jirrizulta illi xi sena u nofs wara li zzewwgu, l-konvenut beda jsir abbuziv fil-konfront taghha, u jaggrediha kemm verbalment kif ukoll fizikament. Missier l-attrici Kalcidon Vella jghid ukoll illi huwa gieli kien jinnota tbengil fuq wicc bintu, izda hi kienet tahbi u hu ma riedx jaqla nkwiet.[2] Inoltre, jirrizultaw bhala fatti oggettivi mill-atti processwali illi l-konvenut instab hati ta'

2 L-abbli Perit Legali tesprimi d-dubji taghha dwar il-kredibilita` ta' din l-asserzjoni u l-Qorti tikkondividihom.

numru ta' akkuzi kriminali migjuba kontrih, fosthom illi hedded lill-attrici u lil Sigismondo Mifsud b'arma tan-nar; li ingurja u hedded lill-attrici, u illi hebb ghall-attrici u kkagunalha feriti ta' natura hafifa. Il-karattru vjolenti u sevizzjuz tal-konvenut gie ghalhekk ippruvat.

Madanakollu, l-attrici wkoll irrendiet ruhha hatja ta' sevizzi fil-konfront tal-konvenut. B'mod partikolari ssir referenza ghall-incident li l-attrici stqarret mas-social worker Josette Camilleri, meta f'Lulju 2005 f'argument bejn il-partijiet, l-attrici ppruvat tbezza lill-konvenut b'sikkina u spiccat laqtitu f'siequ. Kien hemm okkazjonijiet ukoll fejn l-attrici hatfet lil uliedha mill-kura tal-konvenut, anke bi ksur ta' ordnijiet tal-Qorti. Hemm ukoll il-fatt, kif tissottolinea l-abbli Perit Legali illi l-attrici gejja minn familja fejn jinzammu armi tan-nar fid-dar, u fejn l-incidenti ta' vjolenza ma jonqsux. Ta' min isemmi l-incident meta hutha taw xeba` lill-konvenut fil-canteen tal-isptar jew meta ommha stess harget ghall-konvenut bis-senter.

Sinifikattiv hafna huwa l-fatt illi bint tal-partijiet Shannon meta kienet ghada minuri, stqarret mas-social worker Josette Camilleri illi hija tibza tghix god-dar matrimonjali ghaliex tassocja tali dar ma' episodji ta' vjolenza.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tabbraccja l-konkluzjoni raggunta mill-Perit Legali illi z-zewg partijiet rrendew ruhhom hatja ta' sevizzi fil-konfront ta' xulxin.

Mill-atti processwali jirrizulta illi meta l-attrici kellha sitt xhur tqala, precizament fit-8 ta' Frar 2003, il-konvenut hedded lilha u lil Sigismondo Mifsud b'arma tan-nar, tant li hija spiccat l-isptar in kwantu ma kinitx qed thoss lit-tarbija f'gufha. Il-file mediku tal-attrici f'dik id-data jindika illi hija "suffered a blow to her abdomen". Ghalkemm in konnessjoni ma' dan l-incident, il-konvenut instab hati biss illi hedded lil martu u lil Sigismondo Mifsud b'arma tan-nar, il-fatt wahdu li aggredixxa lil martu meta din kellha sitt xhur tqala huwa bizzejjed sabiex dan jammonta ghal eccessi u mohqrija.

Fil-konfront tal-attrici, din il-Qorti hija tal-fehma li ma gewx ippruvati l-eccessi, in kwantu ghalkemm kien hemm okkazjoni fejn din laqtitu f'saqajh b'sikkina, skont ir-rakkont taghha stess lis-social worker Josette Camilleri, dan sehh wara li l-konvenut ried ikollu x'jaqsam maghha u meta hi rrifjutat hu beda jrossha mal-fridge.

***Ingurji gravi***

Fid-dawl tal-incidenti kollha rizultanti mill-atti processwali, b'mod partikolari l-aggressjonijiet reciproci konsistenti f'tghajjir, theddid, insulti u vjolenza, il-Qorti

hija konvinta illi z-zewg partijiet huma responsabbli ta' ingurji gravi fil-konfront ta' xulxin.

***Adulterju***

Iz-zewg partijiet jattribwixxu lil xulxin l-adulterju bhala kawza tat-tifrik taz-zwieg ta' bejniethom. Ghalkemm it-tnejn jallegaw illi r-relazzjonijiet adulteri rispettivi bdew meta kienu ghadhom jghixu flimkien, dak li hareg mill-provi kien illi sa minn Novembru 2003, il-konvenut kien beda relazzjoni extra-maritali ma' certa Denise Vassallo[3] u wara li ntemmet din ir-relazzjoni, il-konvenut ex admissis dahal f'relazzjoni ma' Christine Camilleri li minnha kellu zewgt itfal[4]. Da parti taghha, l-attrici, ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tirreferi ghal din il-persuna bhala 'habib', fil-kors tal-proceduri ammettiet illi hija bdiet tiffrekwenta lil Sigismondo Mifsud minn Lulju 2005[5].

Ghalkemm minn dawn ix-xhieda jidher illi tali relazzjonijiet extra-maritali bdew wara s-separazzjoni de facto tal-partijiet, dawn xorta jikkwalifikaw bhala adulterju, u ghalhekk abbazi tal-provi migjuba quddiemha, l-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi illi z-zewg partijiet irrendew ruhhom hatja ta' adulterju.

Permezz tar-raba` talba taghha, l-attrici titlob lil din il-Qorti tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kollha jew in parte kontemplati fl-Artiklu 48 et seq tal-Kap 16. Il-konvenut ma jitlobx l-applikazzjoni ta' dawn l-artikoli kontra martu fil-kontro-talba tieghu, izda abbazi tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16, huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti illi tapplika in toto jew in parte d-disposizzjonijiet ta' tali artikoli skont ic-cirkostanzi tal-kaz.

In kwantu fil-kaz odjern, iz-zewg partijiet huma hatja tal-firda skont il-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, qeghdin jigu applikati fil-konfront tat-tnejn li huma l-effetti tal-Artikoli 48 et seq tal-Kap 16, b'effett mil-31 ta' Lulju 2005 fil-kaz tal-attrici, data li fiha ex admissis bdiet ir-relazzjoni extra-konjugali taghha ma' Sigismondo Mifsud, u b'effett mit-30 ta' Novembru 2003, fil-kaz tal-konvenut, data li fiha beda jittrattjeni r-relazzjoni adultera tieghu ma' Denise Vassallo kif fuq spjegat.

**Kura u Kustodja u access ghall-minuri**

Din il-Qorti hija mghobbija bir-responsabbilta` li f'kull kaz li jikkoncerna minuri,

3 Vide xhieda mhux kontestata ta' Denise Vassallo waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tad-9 ta' Ottubru 2007, liema xhud tixhed ukoll illi hija kellha tarbija minghand il-konvenut.

4 Vide xhieda tal-konvenut quddiem il-Perit Legali tat-22 ta' April 2009.

5 Vide rapport tas-social worker Josette Camilleri.

tara li d-decizjonijiet li tiehu huma ggwidati minn kunsiderazzjonijiet dwar x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri.

Tali responsabbilta’ hija regolata bl-**artikolu 149 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi :-

*B’dak kollu li jinsab f’kull disposizzjoni ohra ta’ dan il-Kodici, il-Qorti tista, jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-propjeta’ ta’ persuna li tkun taht l-eta’ kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.*

Fil-kawza fl-ismijiet **Sarah Anne Duca vs Clint Xuereb** deciza minn din il-Qorti fid-9 ta’ Gunju 2016 ntqal li:

*“Sabiex il-kura u l-kustodja tithalla f’idejn iz-zewg genituri huwa necessarju li jigi ppruvat li tali kura u kustodja kongunta tkun fl-ahjar interess tal-minuri. Izda l-Qorti hija fid-dover li timxi b’kawtela kbira meta tigi sabiex tiddecidi dwar il-kura u kustodja ta’ minuri fl-isfond ta’ litigji kontinwi bejn iz-zewg genituri.”*

Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Darmanin vs Annalise Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta’ Ottubru 2014 ntqal li:

*“...meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta’ minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u demeriti tal-partijiet ‘ut sic’izda biss dwar x’inhu l-ahjar interess tal-minuri”.*

Fil-kawza fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Gauci** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Ottubru 2008 intqal hekk:

*“Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m’hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtiegilha jkollha kuntatt ma’ ommha u anke ma’ missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi pprovdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma il-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita’ emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.”*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Jirrizulta pacifiku illi fid-data ta' din is-sentenza, bint il-partijiet Shannon lahqet l-eta` magguri, u ghalhekk kwistjonijiet relatati ma' kura u kustodja u access

ghaliha gew ormai sorvolati. Jonqos ghalhekk illi jigu regolati l-kura u l-kustodja u l-access ghal bint minuri tal-partijiet Sherona, li llum ghandha 13-il sena.

Il-Qorti tabbraccja u tadotta l-konkluzjoni tal-Perit Legali illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, l-ahjar interess u stabilita` tat-tifla jeskludu kura u kustodja kongunta in kwantu l-komunikazzjoni bejn il-partijiet mhux biss hija nieqsa, izda spiss issarraf f'incidenti u aggressjonijiet reciproci li ma jistghux hlief ikunu ta' detriment ghall-minuri.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi illi li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tibqa` fdata f'idejn ommha l-attrici li maghha ghandu jkollha r-residenza ordinarja taghha, b'access stabbilit favur il-konvenut kif ser jigi hawn taht spjegat. Inoltre kif tajjeb sollevat mill-Perit Legali, ghandu jibqa' in vigore l-provvediment tad-digriet moghti minn dina l-Qorti diversament preseduta fis-sens illi l-minuri m'ghandha taht l-ebda cirkostanza tittiehed f'postijiet illi m'humiex adattati ghaliha, inkluz diskoteki u hwienet tax-xorb.

Maghdud ma' dan qed jinghataw ukoll is-segwenti provvedimenti.

Kull parti jkollha d-dritt: (1) illi tottjeni informazzjoni direttament minghand l-iskejjel, ghalliema, u tobba tal-minuri; (2) illi tattendi ad eskluzjoni ta' terzi, ghall-attivitajiet kollha relatati mal-edukazzjoni u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri; u (3) illi tigi mgharrfa direttament f'kaz illi l-minuri ssofri griehi jew tigi rikoverata l-isptar;

Kull parti jkollha d-dritt illi ssiefer bil-minuri ghal perijodi illi ma jikkonfliggux mal-impenni akkademici taghha, u dana dejjem sakemm ikun inghata l-kunsens bil-miktub mill-parti l-ohra, jew bl-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti. Il-parti illi tkun tixtieq illi ssiefer bil-minuri, ghandha tipprovdi lill-parti l-ohra, tal-inqas xahrejn qabel is-safar intiz, bid-dettalji kollha tal-istess safar, inkluz id-destinazzjoni intiza, id-data u l-hin meta l-minuri tkun ser titlaq u tirritorna lejn Malta, id-dettalji tal-postijiet fejn il-minuri tkun ser talloggja matul is-safar intiz kif ukoll in-numri li fuqhom il-minuri tkun tista` tigi kkuntattjatha.

Il-passaport tal-minuri ghandu jinzamm mill-attrici illi tkun obbligata illi tikkonsenja lill-konvenut l-istess passaport fi zmien mhux aktar tard minn xahar qabel is-safar intiz. Il-konvenut mill-banda l-ohra jkun obbligat illi jirritorna l-passaport lill-attrici fi zmien mhux aktar tard minn gimgha mir-ritorn tieghu gewwa Malta.

In kwantu jidher li ma hemmx ragunijiet li ghalihom it-tifla ma ghandhiex tara lil missierha u ssahhah ir-relazzjoni taghha mieghu, il-Qorti qed tistabilixxi s-segwenti modus operandi rigwardanti l-access li ghandu jigi ezercitat mill-

konvenut ghat-tifla minuri, tenut kont li din issa ghandha tlettax-il sena u ghalhekk ghandhom jigi rispettati x-xewqat taghha sa fejn dan huwa fl-interess taghha stess.

Il-konvenut ghandu jkollu access ghat-tifla kull nhar ta’ Tlieta u kull nhar ta’ Hamis mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m.; kull nhar ta’ Gimgha mill-4.00 p.m. sas-Sibt fid-9.30 a.m.; u kull nhar ta’ Hadd mid-9.30 a.m. sas-6.00 p.m.kif provdut fid-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-1 ta' Novembru 2006. Ghalkemm waqt l-eskussjoni tal-perit legali da parti tal-konvenut, gie suggerit illi ghal dawn l-ahhar snin il-minuri kienet qed tqatta` mill-Gimgha fl-ghaxija sal-Hadd fl-ghaxija ghand il-missier, jirrizulta mill-atti processwali illi dan l-ahhar zmien, il-minuri ma baqghetx tmur ghall-access ghand il-missier, u ghalhekk din il-Qorti jidrilha illi d-digriet tal-1 ta' Novembru 2006 ghandu jigu konfermat.

Il-minuri ghandha tingabar ghall-access mill-konvenut mid-dar ta’ residenza tal-attrici u tingabar lura mill-access mill-attrici mid-dar ta’ residenza tal-konvenut, b’dan pero` illi l-minuri ghandha tohrog wahedha u l-partijiet infushom ghandhom jibqghu fil-vettura jew fir-residenza rispettiva, skond il-kaz, sabiex b’hekk jigu evitati incidenti inutili.

Rigward l-access tal-konvenut fil-festi u granet specjali, il-Qorti hija tal-fehma, illi dan ghandu jigi regolat bil-mod segwenti.

Fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena l-ewwel sena nhar l-24 ta’ Dicembru mis-6.00 p.m. sal-25 ta’ Dicembru fis-6.00 p.m. u nhar il-1 ta’ Jannar mis-6.00 p.m. sat-2 ta’ Jannar fis-6.00 p.m.; u s-sena ta’ wara nhar il-25 ta’ Dicembru mis-6.00 p.m. sas-26 ta’ Dicembru fis-6.00 p.m. u nhar il-31 ta’ Dicembru fis-6.00 p.m. sal-1 ta’ Jannar fis-6.00 p.m.; u hekk b’mod alternattiv minn sena ghall-ohra.

F’Jum il-Missier u fil-birthday tal-konvenut mid-9.30 a.m. sas-7.30 p.m.

Fil-birthday tal-minuri jekk dan jinzerta f’jum meta l-minuri jkollha l-iskola mill-4.00 p.m. sas-6.00 p.m. u jekk dan jinzerta f’jum meta l-minuri ma jkollhiex skola, l-ewwel sena mid-9.30 a.m. sas-2.30 p.m. u s-sena ta’ wara mis-2.30 p.m. sas-7.30 p.m. u hekk b’mod alternattiv minn sena ghal ohra;

Fil-festi pubblici festa pubblika iva u festa pubblika le, mid-9.30 a.m. sas-7.30 p.m., b’dan illi l-access tal-konvenut fil-festi pubblici jibda mill-ewwel festa pubblika illi tinzerta wara din is-sentenza.

F’Jum l-Omm u fil-birthday tal-attrici, il-konvenut ma jkollux access.

**Manteniment**

In vena legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 24 ta' April 2015, fl-ismijiet **Saadia Vella El Bazza vs George Vella**, fejn inghad:

*"29.Din il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok, li tassew li llum li l-pozizzjoni legali tal-mara llum tbidlet fis-sens li l-mara bhala konjugi ghandha l-obbligu li tahdem barra mid-dar, jekk possibbli, fejn mehtieg u li hi wkoll ghandha tikkontribwixxi ghall-htigijiet tal-familja. Kif osservat fil-kaz PA Marthese Vella vs John Vella, deciz fit-28 ta' Frar 2003:*

*"Il-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din m' ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu: it-tibdil legilsattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabbiltajiet fuq il-mara mizzewwga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn i-responsabbiltjiet huma rifless wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabbilita' ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja [ara App.S Doris Tabone vs Carmelo Tabone, 15 Dicembru 1997]"*

*30.Kif qalet din il-Qorti fil-kaz* ***Catherine Mifsud v Louis Mifsud****, 25 ta' Ottubru 2013:*

*"Il-manteniment mhux xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn. L-artikolu 20[1] jghid li l-manteniment ikun dovut skond il-bzonn ta' min jitolbu."*

*31.Fil-kaz.* ***Maria Abdilla vs Peter Abdilla****, deciz 31Ottubru 2014 din il-Qorti osservat li:*

*"... li meta ssehh is-separazzjoni personali bejn il-mizzewgin, kemm jekk legali wkoll jekk konsenswali, jinbidel l-ordni tal-affarijiet bejniethom fis-sens li jispicca l-obbligu tal-koabitazzjoni, u, ghalkemm jibqa' mhux mittiefes l-obbligu tal-assistenza reciproka fejn dan ikun mehtieg, jekk fil-kaz bhal dak odjern, il-mara fiz-zwieg ma kienitx tiggenera introjtu, wara s-separazzjoni hija ghandha l-obbligu li tuza l-hila u l-potenzjal lavorattiv taghha sabiex tiggenera ntrojtu ghal ghejxien taghha..... Jekk imbaghad minhabba cirkostanzi li ma jkunux fil-kontroll tal-konjugi, bhal fil-kaz ta' mard, dan ma jkunx fil-pozizzjoni li jiggenera introjtu adegwat ghall-manteniment tieghu nnifsu allura, sakemm ma tkunx giet pronunzjata kontra tieghu d-dekadenza mid-dritt li jircievi manteniment, il-konjugi l-iehor li jkollu mezzi adegwati ghandu l-obbligu li jkompli jmantni lil dak il-konjugi, u f'dan il-kaz japplikaw il-kriterji kontemplati fl-Artikolu 20 tal-Kodici Civili, u cioe` li manteniment li jinghata ghandu jitqies skont il-bzonn u l-hila lavorattiva ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min hu obbligat li jissoministrah.*

*"…l-attrici m'ghandhiex tibqa' tiddependi mill-manteniment ta' zewgha ghal dejjem, tenut kont kemm tal-eta` taghha kif ukoll tal-fatt li ma jirrizultax li hi tbati minn xi kundizzjoni medika li timpediha milli tahdem u tiggenera introjtu."*

Permezz tal-azzjoni taghha, l-attrici titlob li din il-Qorti tiffissa retta alimentari kemm ghaliha, kif ukoll ghal uliedha.

In vista tad-dekadenza tal-attrici mid-dritt taghha illi titlob manteniment minghand zewgha skont id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 48(1)(d) kif hawn fuq deciz, it-talba taghha ghal manteniment ghaliha qed tigi respinta. Dan oltre l-fatt illi hija ghadha zghira u kapaci tahdem u tmantni lilha nnifisha.

Dwar id-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment ghal uliedhom, il-provedimenti principali fil-Kodici Civili dwar dan huma s-segwenti:

Artikolu 7

*(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu,ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B.*

Artikolu 19

*(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel. L-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.*

Artikolu 20

*(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.*

*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xorta ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.*

*(3) Meta jitqiesu il-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm imobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.*

*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persina ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew imobbli kif ukoll ta' kull interess beneficjarju taht trust.*

Jirrizulta illi t-tifla l-kbira tal-partijiet hija llum maggorenni, waqqfet mill-istudji taghha full-time u qeghdha tahdem f'hanut tal-merca. Il-konvenut jitlob ghalhekk illi l-obbligu tieghu illi jmantni lil Shannon ghandu jieqaf. L-attrici tissottometti illi t-tifla Shannon tahdem biss part-time gewwa dan il-hanut sabiex tkun tista` tiffinanzja l-kors ta' hairdressing li kienet qed taghmel mal-KMS. Min-nota ta' sottomissjonijiet taghha, jidher li anki l-attrici taccetta l-fatt li l-konvenut ghandu jigi tenut illi jhallasha manteniment ghall-minuri Sherona biss, u titlob illi l-manteniment ghaliha jghola minn €139 fix-xahar ghal €200 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjez kollha relatati mal-edukazzjoni tal-minuri Sherona, nofs l-ispejjez relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari u nofs l-ispejjez ta' natura straordinarja relatati mas-sahha tal-minuri.

Din il-Qorti qeghdha ghalhekk tiddeciedi illi l-obbligu tal-konvenut illi jhallas retta alimentarja ghat-tifla Shannon, illum maggorenni ghandu jieqaf, biex b'hekk qeghdha tiddisponi wkoll mir-rikors tal-konvenut datat 15 ta' Settembru 2012.

In kwantu ghat-tifla minuri Sherona, l-Qorti tirrileva illi modalita’ ta’ manteniment li tinkludi il-hlas perjodiku ta’ nofss l-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha necessarjament iwassal li l-partijiet ikun jehtieg illi jikkomunikaw ma’ xulxin b’mod civili sabiex l-omm taghti lill-missier rendikont tal-ispejjez tal-minuri u l-missier min-naha tieghu ihallas lill-omm sehemu mill-istess. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz tali modus operandi mhux ser jiffunzjona ghaliex ikun kull darba okkazzjoni sabiex iz-zewg genituri jikkwistinjaw ma’ xulxin. Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-manteniment mensili hawn ordnat ser ikun jinkludi fih sehem il-konvenut mill-ispejjez ta’ edukazzjoni u sahha tal-minuri.

Ghaldaqstant qed tordna lill-konvenut ihallas bhala retta alimentari ghal minuri Sherona s-somma ta’ mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar li ghandha tithallas lill-attrici fl-ewwel jum tax-xahar u tizdied kull sena skont l-Indici tal-Gholi tal-Hajja. Il-manteniment hawn deciz ghandu jibqa` hekk dovut mill-konvenut sakemm il-minuri taghlaq it-18-il sena jew tibda tahdem fuq bazi full-time skont liema jigi l-ewwel, u f'kaz li tkompli l-istudji taghha fuq bazi full-time f'istituzzjoni rikonoxxuta, sakemm tispicca l-istudji taghha jew taghlaq it-23 sena skont liema tigi l-ewwel.

Ghalkemm l-attrici tallega illi l-konvenut ilu ma jhallas manteniment sa mis-sena 2012, hija tonqos milli tikkwantifika tali pretensjoni permezz ta' prospett jew rendikont guramentat. Tipprezenta biss numru ta' ricevuti li allegatament l-konvenut baqa` ma kkontribwiex dwarhom, u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha titlob lill-Qorti tillikwida ammont arbitrio boni viri in rigward. Da parti tieghu, il-konvenut jissottometti illi huwa dejjem kien puntwali fil-hlas u li ebda arretrati ma huma dovuti lilu. Fid-dawl ta' tali divergenza bejn il-verzjonijiet tal-partijiet, u in

mankanza ta' provi konkreti dwar kwalsiasi ammont li jista` jkun dovut mill-konvenut bhala arretrati, din il-Qorti ma tistax takkolji l-pretensjoni tal-attrici in rigward. Tibqa` izda impregudikata kwalsiasi azzjoni illi hija jista` jkollha fil-konfront tal-konvenut ghall-irkupru ta' kwalsiasi hlasijiet dovuti minnu.

**Kreditu Parafernali tal-Konvenut**

Matul il-kors tal-provi mressqa waqt l-odjerni proceduri, il-konvenut jghid illi huwa kkontribwixxa ghal numru ta' benefikati fid-dar matrimonjali tal-partijiet, permezz ta' xoghol manwali. Jghid ukoll illi sahansitra wara s-separazzjoni de facto, huwa baqa` jsewwi fl-istess propjeta`. L-attrici tikkontesta din il-pretensjoni da parti tal-konvenut,

Jinghad illi fil-kors tal-proceduri, il-konvenut naqas milli jtella` provi rigwardanti l-valur tal-benefikati msemmija minnu. Jigi rilevat ukoll, illi kif tajjeb sottomess mill-Perit Legali, waqt is-seduta quddiemha tal-14 ta' Jannar 2010 il-konvenut ammetta illi d-dar matrimonjali hija ta' missier l-attrici, u ghalhekk tali pretensjoni ma tistax tigi mistharrga fil-kors tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet. Ghalhekk, salv kwalsiasi dritt li l-konvenut jista` jkollu fil-konfront ta' missier l-attrici fi proceduri ad hoc, it-talba tieghu ghar-rimbors tal-benefikati maghmula minnu fid-dar matrimonjali ma tistax tigi akkolta.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Jirrizulta pacifiku li ma hemm ebda propjeta` immobbli li tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partjiet.

*Kontijiet Bankarji*

Il-Perit Legali telenka l-kontijiet bankarji u d-djun f'pagni 87 sa 89 tar-rapport taghha. Rigward il-kontijiet bankarji l-Qorti takkolji r-rakkomandazzjonijiet tal-istess Perit Legali in rigward u tordna illi filwaqt li kull parti ghandha tigi assenjata l-kontijiet bankarji intestati f'isimha, il-konvenut ghandu jibqa` jamministra l-kontijiet bankarji f'ismu li huma ghall-beneficcju tal-ulied, u jittraferixxi l-fondi fuq isimhom meta dawn jaghlqu t-18-il sena.

*Djun*

Rigward id-djun mal-HSBC Bank (Malta) plc u l-Bank of Valletta plc, dawn ghandhom jithallsu mill-partijiet f'sehem indaqs bejniethom, kif del resto gja gew kanonizzati permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u ta' ittra ufficjali ai termini tal-Artiklu 166A tal-Kap 12, reza ezekuttiva nhar il-15 ta' Frar 2008

(skont Dok DPR1).

Jirrizulta wkoll dejn ta’ €7,672.58 ma’ Emanuel Grech Company Limited oltre ghall-ispejjez u l-interessi kummercjali mill-31 ta’ Ottubru 2007, kif kanonizzat permezz tas-sentenza fl-ismijiet Emanuel Grech Company Limited vs C B deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-26 ta' Ottubru 2009 [Rik Nru 288/09JAB]. Dan hu dejn ghall-prezz ta’ materjal illi gie kkonsenjat lill-konvenut fil-kors tal-ezercizzju tas-sengha tieghu fis-sena 2007, u cioe` wara s-separazzjoni de facto bejn il-partijiet. Ghalhekk l-attrici m’ghandiex taghmel tajjeb ghal tali dejn..

Dwar id-dejn ma’ Mobisle Communications Limited ta’ €442.50 oltre ghall-ispejjez u l-interessi legali, kif kanonizzat permezz tas-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet Mobisle Communications Limited vs C John Charles B deciza fid-19 ta' Ottubru 2010 [Talba Nru 235/10GMA], dan huwa dejn relattiv ghal servizzi ta’ telekomunikazzjoni provduti lill-konvenut fil-perijodu bejn is-sena 2007 u s-sena 2009, u cioe` wara s-separazzjoni de facto bejn il-partijiet. Ghalhekk dan id-dejn ukoll ghandu jithallas unikament mill-konvenut.

Jirrizulta wkoll dejn ta’ €6,990.00 (gja` Lm3000) ma’ Tal-Franciz Construction Limited skont ipoteka numru H9924/1999 rapprezentanti l-prezz tal-bejgh tal-garaxx numru 1, Naxxar Road, San Gwann. In kwantu dan il-garaxx kien inxtara fis-6 ta’ Mejju 1999, kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, u b’hekk illi kwalunkwe zbilanc rizultanti minn tali dejn ghandu jigi inkors ugwalment bejn il-partijiet.

Kwalsiasi dejn iehor illi sar wara s-separazzjoni de facto bejn il-partijiet, ghandu jithallas unikament minn dik il-parti illi tkun ikkuntrattatu. Il-kontijiet pendenti pprezentati mill-attrici relattivi ghas-servizzi tal-elettriku u l-ilma provduti fid-dar matrimonjali fis-snin 2007 u 2008 ghandhom jigu sopportati esklussivament mill-attrici, in kwantu l-konvenut kien gja vvaka mid-dar matrimonjali fiz-zmien tal-konsum.

*Vetturi*

Rigward il-vetturi elenkati f'pagni 90 u 91 tar-raport tal-Perit Legali, il-Qorti tinnota li jirrizulta illi l-unici vetturi li ghadhom fil-pussess tal-partijiet huma l-vettura tal-marka Rover bin-numru ta' registrazzjoni EBF213, u l-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DBI504. Dawn il-vetturi ghandhom jigu assenjati lill-attrici u lill-konvenut rispettivament, flimkien mal-multi relattivi ghall-imsemmija vetturi. Rigward il-vetturi li nbieghu waqt iz-zwieg, in vista tan-nuqqas ta' provi dwar il-valur tal-vetturi fiz-zmien tal-bejgh taghhom, kif ukoll

tad-destinazzjoni tar-rikavat minnhom, il-pretensjoni tal-attrici ghar-rifuzjoni ta' nofs ir-rikavat mill-bejgh taghhom mhux qed tigi akkolta.

*Dghajsa*

Id-dghajsa speedboat bin-numru S-4111 hija fonti ta' dizgwid bejn il-partijiet in kwantu t-tnejn li huma jallegaw li l-parti l-ohra x'aktarx li bieghetha. In mankanza ta’ provi korroboratrici rigward iz-zewg pretensjonijiet dijametrikament opposti, l-Qorti qed tikkonkludi li hadd mill-partijiet ma rnexxielu jipprova sodisfacentement il-pretensjoni rispettiva. Ghaldaqstant tordna illi fl-eventwalita’ li xi hadd mill-partijiet jottjeni l-ezekuzzjoni ta’ mandat ta’ qbid fuq id-dghajsa de quo, tali dghajsa ghandha tinbiegh bis-subbasta u r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg partijiet f’sehem indaqs bejniethom wara li jkunu thallsu kwalunkwe arretrati talvolta dovuti rigwardanti l-licenzji tal-istess dghajsa.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenut u in parte tilqaghhom in kwantu kompatibbli ma’ dak hawn deciz:

1. Tilqa` in parte l-ewwel talba attrici billi tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba adulterju, sevizzi u ingurji gravi imputabbli liz-zewg partijiet, kif ukoll minhabba eccessi imputabbli lill-konvenut.

2. Tilqa` t-tieni talba attrici, tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Sherona esklussivament lill-attrici taht il-provvedimenti kontenuti taht l-intestatura 'Kura u Kustodja u Access'.

3. Tilqa` in parte t-tielet talba u tordna lill-konvenut ihallas bhala retta alimentari ghall-minuri Sherona, s-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar, li ghandu jithallas lill-attrici fl-ewwel jum tax-xahar u jizdied kull sena skont l-Indici tal-Gholi tal-Hajja. Il-manteniment hawn ordnat jinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjez relatati mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-minuri Sherona, inkluz uniformijiet, transport tal-iskola, donazzjonijiet tal-iskola, privatijiet u attivitajiet extra-kurrikulari. Il-manteniment dovut mill-konvenut ghandu jibqa` hekk dovut sakemm il-minuri taghlaq it-18-il sena jew tibda tahdem fuq bazi full-time skont liema jigi l-ewwel, u f'kaz li tkompli l-istudji taghha fuq bazi full-time f'istituzzjoni rikonoxxuta, sakemm tispicca l-istudji taghha jew taghlaq it-23 sena skont liema tigi l-ewwel. Tichad it-talba tal-attrici ghall-manteniment ghaliha personali.

4. Tilqa` in parte r-raba` talba attrici u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-

disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mil-31 ta' Lulju 2005 fil-konfront tal-attrici, u b'effett mit-30 ta' Novembru 2003, fil-konfront tal-konvenut.

5. Tilqa` l-hames talba attrici, tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddividi l-assi appartenenti lilha skont kif ordnat taht l-intestatura 'Komunjoni tal-Akkwisti'.

6. Tichad is-sitt u s-seba' talba attrici,

8. Tilqa` t-tmien talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi tilqa' l-istess safejn huwa konformi u kompatibbli ma' dak fuq deciz, filwaqt li tichadha ghall-kumplament.

Bl-ispejjez kontra z-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**